# IĊ-ĊIMITERU TA' LAZZARETT

*Ta'* PATRI MATTEW, KAPPUĊĊIN

Nisma' n-nies tgħid: — li taf ġrajjiet mgħoddija —
"Ilu żmien twil, hawnhekk, fl-Għid ta' l-Imwiet,
Qrib nofs il-lejl, minn dawn l-erwieħ minsija
Kienu jaraw kull sena tliet xbejbiet.

Barra mill-oqbra, b'ilħna ta' tbatija
Igħajtu fid-dlam: 'L-imħabba lilna nsiet,
Ġo dan l-għammieq infridna miż-żgħożija
U bqajna' lkoll bla talb u tifkiriet.'

Ix-xniegħa ġriet, li qamu erwieħ mill-qabar,
Beżgħet in-nies u bdiet kull filgħaxija
Maġenb dal-midfen bil-mijiet tinġabar,

Titlob biex Alla jħenn għal dawn l-insara,
Jagħtihom il-mistrieħ, hena u tgawdija,
Sakemm ħadd iżjed lilhom ma żied jara."